



Dokument ta' sessjoni

A9-0040/2022

3.3.2022

RAPPORT

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika:
aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir
sostenibbli 2022;
(2021/2233(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Helmut Geuking

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	23
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	27
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	28

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir sostenibbli 2022; (2021/2233(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2021 intitolata "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022" (COM(2021)0740),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2021 għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u mill-Kunsill (COM(2021)0743),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2021 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro (COM(2019)0742),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2021 intitolat "Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2022: imħejji f'konformità mal-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi" (COM(2021)0741),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2021 dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022: Valutazzjoni Kumplessiva (COM(2021)0900),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 dwar Aġenda għall-Filiet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2020)0274),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza¹,
- wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Kummissjoni, ħarifa 2021,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (COM(2020)0625),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2021 intitolata "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027: Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali" (COM(2020)0624),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment (COM(2021)773),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta'

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2021 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),
 - wara li kkunsidra d-dokument informali tal-Awstrija, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands u l-Iżvezja² bħala kontribut għad-dikjarazzjoni tas-Summit Soċjali ta' Porto,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-politiki soċjali u tal-impjieg taż-żona tal-euro għall-2021³,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Astana dwar il-Kura tas-Saħħa Primarja tal-2018,
 - wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Kunsill Ewropew, mill-Parlament u mill-Kummissjoni f'Novembru 2017,
 - wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali tad-9 ta' Diċembru 2021,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0040/2022),
- A. billi l-koordinazzjoni tal-politiki tas-Semestru Ewropew u l-Istati Membri jridu jirrispettaw ir-regoli applikabbli u rilevanti tal-Unjoni dwar finanzi pubbliċi sodi; billi s-Semestru Ewropew jipprovdi qafas komuni għas-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji u tal-impjiegi fl-Istati Membri kollha tal-UE sabiex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tiġi żgurata l-istabbiltà makroekonomika, jiġu appoġġati riformi strutturali u tingħata spinta lill-investimenti, anki għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; billi s-Semestru qies ukoll il-ħolqien tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li se tmexxi r-riformi u l-investimenti tal-Istati Membri f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE kif stabbiliti fis-sitt pilastru tagħha, filwaqt li tindirizza l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li ġejjin; billi jimmira lejn bidla gradwali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika milli tittratta l-kriżi tal-COVID għat-tqegħid tal-pedamenti għal irkupru inklużiv u reżiljenza aktar b'saħħitha⁴; billi s-Semestru Ewropew, bħala parti mill-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, irid jadatta sabiex jikkunsidra mhux biss l-oġġettivi ekonomiċi u soċjali, iżda wkoll l-oġġettivi relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-konsolidament tas-sistemi tas-saħħa u aċċess u opportunità għat-tfal u għaż-żgħażagħ;
- B. billi huwa kruċjali li jiġi żgurat li s-Semestru jikkoordina u jimmonitorja l-isforzi tal-Istati Membri biex iwettqu l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod

² <https://www.government.se/articles/2021/04/social-summit-non-paper-by-austria-bulgaria-denmark-estonia-finland-ireland-latvia-lithuania-malta-the-netherlands-and-sweden/>

³ Testi adottati, P9_TA(2021)0426.

⁴ https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-and-fiscal-policy-coordination/eu-economic-governance-monitoring-prevention-correction/european-semester/european-semester-timeline/2022-european-semester-cycle_mt

partikolari l-objettivi ewlenin tal-UE li jiżguraw li sal-2030 tal-inqas 78 % ta' dawk li għandhom età bejn 20 u 64 sena għandhom ikollhom impjiegi, mill-inqas 60 % tal-adulti kollha għandhom jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena u li l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għandu jtnaqqas b'mill-inqas 15-il miljun, inklużi mill-inqas 5 miljun tifel u tifla; billi r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022 għandu enfasi aktar qawwija fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, f'konformità mal-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Marzu 2021 u tal-Mexxejja tal-UE fid-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju; billi l-implimentazzjoni tas-Semestru għandha ssaħħa l-ispirata tal-Unjoni lejn tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u ġusta u tikkontribwixxi għall-ksib ta' konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq, tindirizza l-isfidi demografiċi u għall-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs);

- C. billi l-UE hija msejsa fuq il-valuri fundamentali tat-Trattati, bħar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, tal-ugwaljanza u tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jsostnu tali valuri u li jimplementaw il-Ftehim ta' Pariġi, l-SDGs tal-Nazzjonijiet Uniti u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; billi l-impatt ekonomiku u soċjali profond tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejjja, inkluż l-impatt li ħalliet partikolarment fuq it-tfal u ż-żgħażaġh, il-gruppi vulnerabbli u l-ħaddiema li l-aktar se jħossu l-impatt tar-reċessjoni ekonomika minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u tat-trasformazzjonijiet strutturali tal-ekonomiji Ewropej marbuta mat-tranżizzjoni doppja, juri l-bżonn li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet soċjali fil-livell Ewropew kif ukoll il-bżonn ta' rkupru sostenibbli, diġitali u reżiljenti li se joħloq impjiegi ta' kwalità u tkabbir sostenibbli u jikkonsolida l-awtonomija strateġika tagħna fir-rispett tad-diversità tad-dritt u tal-prassi nazzjonali; billi l-preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddefinixxi l-għanijiet ġenerali tal-politika ekonomika bħala "it-tiħiħ u l-konverġenza tal-ekonomiji tagħhom" u "l-progress ekonomiku u soċjali għall-popli tagħhom, li jieħdu kont tal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli";
- D. billi l-ekonomija rreġistrat reċessjoni qawwija fl-2020 bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19; billi r-reġjuni u l-ekonomiji Ewropej ma ntlax mod u fl-istess livell; billi l-impatt tat-tnaqqis drastiku tal-PDG fl-2020 fuq il-qgħad ittaffa bis-saħħa tar-risposti politiċi differenti, fost oħrajn mill-iskemi taż-żamma tal-impjiegi; billi l-impjiegi u t-total ta' sigħat maħduma laħqu kważi l-livelli ta' qabel il-kriżi, għad li r-ritmu tal-irkupru mhux omoġenju fl-Istati Membri; billi l-impatt tal-kriżi jippreżenta sfida notevoli iżda wkoll opportunità għar-rilanċ tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet tagħna u għall-persegwiment tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali b'mod aktar sostenibbli, reżiljenti u inklużiv; billi tali trasformazzjoni għandha treġġa' lura l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu, issaħħa il-koeżjoni soċjali u tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; billi, skont it-tbassir ekonomiku Ewropew tal-ħarifa tal-2021, it-tkabbir mistenni li jkun 5 % fl-2021, 4,3 % fl-2022 u 2,5 % fl-2023, ogħla mill-projezzjonijiet preċedenti; billi, madankollu, l-irkupru se jiddependi ħafna mill-iżviluppi ulterjuri fil-pandemija⁵ u mir-restrizzjonijiet għall-attività ekonomika biex irażżanha; billi mill-bidu tal-irkupru reġġu tfaċċaw nuqqas ta' ħaddiema fil-manifattura u fis-servizzi; billi n-nuqqas irrapportat f'ċerti okkupazzjonijiet fxi pajjiżi jew reġjuni tal-UE jikkoeżistu ma' eċċess ta' ħaddiema kwalifikati f'oħrajn, fatt li jenfasizza r-rilevanza tal-mobilità tal-forza tax-xoġhol u tal-flussi migratorji; billi n-nuqqas ta' ħaddiema huwa kkawżat ukoll minn

⁵ Dokument istituzzjonali tal-Kummissjoni Ewropea intitolat "European Economic Forecast: Autumn 2021" (Tbassir Ekonomiku Ewropew: ħarifa 2021), Novembru 2021, p. 2.

tendenzi strutturali (pereżempju t-tixji tal-popolazzjoni) u minn fatturi oħra li ġew qabel il-pandemija;

- E. billi l-istagħnar fis-suq tax-xogħol jinkludi dawk qiegħda, persuni sottoimpjegati (jiġifieri, ħaddiema part-time li jixtiequ jaħdmu aktar sigħat iżda ma jistgħux isibu impjiegi li joffru din il-possibbiltà), u dawk marġinalment marbuta mas-suq tax-xogħol (ħaddiema qiegħda li huma attwalment disponibbli minnufih biex jibdew jaħdmu iżda ma kinux qed ifittxu impjeg jew li kienu qed ifittxu impjeg iżda ma jkunux disponibbli minnufih biex jibdew jaħdmu); billi bħala riżultat tax-xokk, l-istagħnar fis-suq tax-xogħol kien 14,6 % tal-forza tax-xogħol fit-tieni trimestru tal-2020 fl-UE, meta mqabbel ma' 13,1 % fit-tieni kwart tal-2019; billi dan jikkostitwixxi r-riżorsi tax-xogħol li ma jintużawx biżżejjed fl-ekonomija;
- F. billi l-pandemija tal-COVID-19 qed tpoġġi piż kbir fuq in-nies fl-UE, b'mod partikolari dawk li jagħmlu parti mill-gruppi l-aktar vulnerabbli bħan-nisa, il-persuni b'diżabilità, it-tfal, iż-żgħażaġh u l-anzjani f'termini tal-ħajja ta' kuljum, tal-ħajja tax-xogħol u tal-mezzi ta' sussistenza ġenerali tagħhom⁶; billi l-kriżi tal-COVID-19 kellha impatti negattivi fuq is-suq tax-xogħol Ewropew; billi dawn l-iżviluppi, f'xi Stati Membri, wasslu għal żieda fil-faqar u fid-diverġenzi fil-livelli ta' għajxien; billi l-faqar fost dawk li jaħdmu żdied minn 8,5 % fl-2010 għal 9 % fl-2019 fl-EU-27; billi l-ħaddiema b'kuntratti temporanji jħabbtu wiċċhom ma' riskju ferm ogħla ta' faqar fost dawk li jaħdmu minn dawk b'kuntratti permanenti (16,2 % meta mqabbla ma' 5,9 %), l-istess bħal ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet meta mqabbla ma' dawk b'ħiliet għolja (19 % meta mqabbla ma' 4,9 %); billi, barra minn hekk, il-gruppi vulnerabbli, inklużi l-ħaddiema żgħażaġh, il-ġenituri waħedhom, il-persuni b'diżabilità, il-persuni LGBTI, ir-Rom jew iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom probabbiltà akbar li jsibu ruħhom f'kundizzjonijiet ta' faqar fost dawk li jaħdmu; billi ħafna familji ta' ħaddiema staġjonali u transfruntiera nfirdu matul il-miżuri ta' lockdown inizjalment mhux koordinati; billi, bħala riżultat tal-miżuri ta' lockdown, il-ġenituri, prinċipalment in-nisa, kellhom spiss isibu bilanċ bejn ir-responsabbiltajiet tagħhom fil-konfront ta' wliedhom kif ukoll tal-familjari anzjani jew tal-familjari b'diżabilità; billi nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jista', ħafna drabi, iwassal għal stress u problemi ta' saħħa mentali;
- G. billi r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE, filwaqt li wriet sinjali inizjali ta' rkupru sa nofs l-2021, xorta kienet 17,4 % fit-tieni trimestru tal-2021, kważi t-triplu tar-rata tal-qgħad ta' dawk li għandhom età bejn 25 u 74 sena; billi l-impatt tal-kriżi tal-COVID fuq is-suq tax-xogħol reġġa' lura tnaqqis ta' sitt snin fl-għadd ta' dawk li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs) parzjalment bħala riżultat tal-pożizzjonijiet prekarji tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh⁷; billi s-saħħa mentali taż-żgħażaġh marret għall-aġħar b'mod sinifikanti matul il-pandemija, u l-problemi relatati mas-saħħa mentali rduppjaw f'diversi Stati Membri meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-kriżi; billi 64 % taż-żgħażaġh fil-faxxa ta' età bejn 18 u 34 sena kien f'riskju ta' depressjoni fir-rebbieġha tal-2021, parzjalment bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' impjeg tagħhom u

⁶ Rapport tal-2021 tal-Bundesinstitut für Bevölkerungsforschung intitolat "Belastungen von Kindern, Jugendlichen und Eltern in der Corona-Pandemie" (Effetti negattivi fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u l-ġenituri matul il-pandemija tal-COVID-19).

⁷ https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:ac9248f7-4d16-11ec-91ac-01aa75ed71a1.0013.02/DOC_1&format=PDF

tal-prospettivi finanzjarji u edukattivi fit-terminu itwal;

- H. billi l-pandemija tal-COVID-19 kellha effett devastanti fuq iż-żgħażaġh, b'rati ta' impjiegi li naqsu drammatikament u tnaqqis konsiderevoli fl-introjtju personali; billi l-kriżi preċedenti wriet li jekk iż-żgħażaġh ma jingħatawx traineeships u impjiegi ta' kwalità – abbażi ta' ftehimiet bil-miktub u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, inkluża paga li tiggarrantixxi l-ġhajxien, konsulenza u gwida professjonali u taħriġ ulterjuri – għad jerġa' jkun hemm riskju għoli li jkunu mgieġhla jaċċettaw impjiegi prekarji, iħallu pajjiżhom biex isibu xogħol, jew jinkitbu ripetutamente f'korsijiet tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ; billi t-traineeships ma jridux biss ikunu mħallsa iżda jridu jkunu limitati fit-tul u fin-numru sabiex iż-żgħażaġh ma jispiċċawx maqbuda fi traineeships ripetuti li ma jintemmu qatt u sfruttati għal xogħol irħis jew saħansitra bla ħlas u mingħajr protezzjoni soċjali u drittijiet tal-pensjoni; billi waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-UE għandha tkun li tiġi evitata "ġenerazzjoni mitlufa" oħra ta' żgħażaġh;
- I. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni qed isseħħ kemm fil-pajjiżi sinjuri kif ukoll f'dawk anqas sinjuri, u dan iwassal għall-esklużjoni soċjali u għas-segregazzjoni spazjali; billi l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u għall-but ta' kulħadd huwa aktar diffiċli għall-gruppi vulnerabbli, bħall-ħaddiema foqra, in-nisa, iż-żgħażaġh, b'mod partikolari ż-żgħażaġh qiegħda, il-ġenituri waħedhom, il-familji kbar, l-anzjani, speċjalment dawk li jgħixu waħedhom, il-persuni LGBTIQ, il-migranti, ir-rifuġjati, il-persuni b'diżabilità, il-persuni b'mard fiżiku jew psikjatriku, il-persuni minn komunitajiet emarġinati, inklużi r-Rom;
- J. billi skont il-bażi tad-data makroekonomika AMECO⁸ tal-Kummissjoni, l-għadd ta' pajjiżi bi żvilupp negattiv fil-pagi reali żdied minn tnejn fl-2019 għal 13 fl-2020; billi l-livelli tal-pagi reali għadhom taħt il-livell tas-sena tal-kriżi 2009 f'ħafna pajjiżi tal-UE; billi sabiex tinżamm il-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema, il-pagi reali jkollhom jogħlew b'5 % fl-2022;
- K. billi skont ir-riċerka tal-OECD⁹, l-ispjegazzjoni għal terz tal-inugwaljanza fil-pagi ġenerali huma l-lakuni bejn il-kumpaniji fil-prattiki għall-iffissar tal-pagi, aktar milli differenzi fil-ħiliet tal-ħaddiema; billi l-kumpaniji b'pagi għoljin iħallu madwar id-doppju ta' dawk b'pagi baxxi għal ħaddiema komparabbli; billi meta l-ħaddiema ma jkunux jistgħu jiċċaqilqu faċilment minn kumpaniji għal oħra (eż. minħabba t-ftitxija ta' impjiegi u l-ispejjeż biex jiċċaqilqu), il-pagi mħumiex iddeterminati biss mill-ħiliet tal-ħaddiema iżda wkoll mill-prattiki għall-iffissar tal-pagi tal-kumpaniji;
- L. billi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali se jwasslu għal xi riallokazzjoni tal-impjiegi bejn il-kompiti u s-setturi; billi riallokazzjoni tal-ħaddiema bejn is-setturi se tkun aktar impenjattiva f'termini ta' ħtiġijiet ta' ħiliet milli riallokazzjoni bejn kumpaniji fi ħdan is-setturi, u tista' tinvolvi perjodi itwal ta' qgħad;
- M. billi t-telexogħol kultant jista' jagħmel il-linji attwali inqas ċari bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u jimplika intensità tax-xogħol akbar u diffikultajiet oħra; billi t-teknoloġiji diġitali jinvolvu riskji għall-kwalità tal-impjiegi; billi n-nies li jaħdmu regolarment mid-

⁸ https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/indicators-statistics/economic-databases/macro-economic-database-ameco/ameco-database_mt

dar għandhom probabbiltà darbtejn akbar li jaħdmu aktar mill-massimu meħtieġ ta' 48 siegħa fil-ġimgħa; billi kważi 30 % tat-teleħaddiema jirrapportaw li jaħdmu fil-ħin liberu tagħhom kuljum jew diversi drabi fil-ġimgħa;

- N. billi t-tibdil fil-klima aggrava l-inugwaljanzi li diġà jeżistu u laqat b'mod sproporzjonat il-foqra u l-gruppi u r-reġjuni l-aktar vulnerabbli; billi l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u l-fenomeni meteoroloġiċi estremi qed jinħassu b'mod aktar qawwi u aktar frekwenti minn qabel miċ-ċittadini u mill-ħaddiema fl-UE; billi l-oġġettivi tan-newtralità klimatika tal-UE jirrappreżentaw kemm sfidi għall-ħaddiema u għall-impriżi kif ukoll opportunitajiet biex jitjieb il-benesseri tan-nies u bżonn assolut biex tiġi ppreservata l-klima u jinbena futur aħjar għall-ġenerazzjonijiet iżgħar u futuri; billi l-politiki biex jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi tal-UE jinfluwenzaw ir-reġjuni differenti b'mod differenti bl-akbar impatt fuq dawk li jiddependu ħafna mill-fjuwils fossili; billi żidiet rapidi fil-prezzijiet tal-enerġija fl-UE kollha, li għandhom għadd ta' kawżi li mhumiex limitati għall-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19, jaffettwaw l-aktar popolazzjoni vulnerabbli fl-UE, speċjalment l-individwi u l-unitajiet domestiċi bl-inqas introjtu; billi l-isfida għall-adattament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet tagħna trid tiġi ġestita b'tali mod li tiżgura tranżizzjoni ekwa u ġusta; billi t-tfaċċar ta' setturi relatati ġodda jippreżenta wkoll opportunitajiet għall-impriżi u ħoloq bżonn ta' tiġdid u titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema għal impjiegi sostenibbli u orjentati lejn il-futur; billi dan il-proċess, jekk ġestit tajjeb, għandu jipproteġi lil persuni, familji u mikroimpriżi soċjalment vulnerabbli; billi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, miżuri ambizzjużi ta' tranżizzjoni ġusta kif ukoll programmi effiċjenti ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid se jkunu essenzjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u inklużiva għall-ħaddiema;
- O. billi l-Istati Membri, appoġġati mill-UE, estendew appoġġ fiskali u assistenza għal-likwidità bla preċedent lill-ekonomiji tagħhom biex jevitaw sensji tal-massa, jippreservaw l-introjtu u jipproteġu l-impriżi bħala risposta għall-kriżi tal-COVID-19; billi l-attivazzjoni tal-"klawżola liberatorja ġenerali" fi ħdan il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-adozzjoni tal-pjan tan-Next Generation EU u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u s-CRII+ u l-introduzzjoni tal-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) kienu strumentali f'dan ir-rigward; billi din ir-risposta politika soda u kkoordinata tenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni qawwija kontinwa tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u dawk soċjali permezz ta' diversi strumenti ta' politika u ta' finanzjament; billi ż-żieda fil-ħtieġa ta' finanzjamenti u investimenti biex tissaħħaħ l-ekonomija tista' tpoġġi restrizzjonijiet baġitarji fuq l-Istati Membri;
- P. billi r-rata ta' tkabbir tal-popolazzjoni tal-UE qed tonqos u l-popolazzjoni hija mistennija li tonqos b'mod sinifikanti fuq medda ta' żmien itwal; billi l-kobor tat-tibdil demografiku jvarja fl-Istati Membri u fir-reġjuni; billi t-tibdil demografiku jaffettwa s-sistemi soċjali u tas-swieq soċjali¹⁰, b'mod partikolari fis-settur tal-kura, u jirrikjedi approċċ komprensiv ibbażat fuq taħlita ta' soluzzjonijiet politiċi fl-oqsma tal-pensjonijiet, tas-sigurtà soċjali, tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal u tal-kura fit-tul, tal-akkomodazzjoni, tal-iskejjel tat-tfal f'età żgħira ħafna, tas-sistemi tas-saħħa, tal-inklużjoni soċjali, tal-integrazzjoni tal-minoranzi u tal-migranti, tal-bilanċ bejn ix-

¹⁰ Rapport tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2020 dwar l-impatt tat-tibdil demografiku (COM(2020)0241).

xogħol u l-ħajja privata u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-kriżi attwali għal darb'oħra enfasizzat l-importanza u r-rwol sottovalutat tas-settur tal-kura fis-soċjetajiet tagħna; billi l-popolazzjoni tal-UE fl-età tax-xogħol ilha tiċkien matul l-aħħar għaxar snin, fatt li huwa wkoll fattur determinanti taż-żieda fin-nuqqas ta' ħaddiema; billi l-kriżi tal-COVID-19 uriet il-kontribut kruċjali tal-ħaddiema migranti biex jappoġġaw l-ekonomiji Ewropej u s-servizzi essenzjali u jimlew in-nuqqas ta' ħaddiema; billi huwa essenzjali li jinħolqu impjiegi ta' kwalità għal ħaddiema b'livell medju u baxx ta' ħiliet u għan-nisa u ż-żgħażaġh b'mod partikolari;

- Q. billi l-evoluzzjoni diġitali bla preċedent u l-applikazzjoni dejjem tikber tal-intelliġenza artiċjali (IA) jirrappreżentaw opportunità għall-UE li ssir protagonista fil-qasam tal-IA etika u ċċentrata fuq il-bniedem u biex toħloq ekonomija aktar robusta u aktar reżiljenti bbażata fuq il-progress diġitali; billi d-diġitalizzazzjoni gābet magħha ħafna vantaġġi għall-impjegaturi u għall-ħaddiema, iżda wkoll żvantaġġi; billi l-applikazzjoni ta' sistemi awtomatizzati, IA u teknoloġija avvanzati relatati fl-ekonomija qiegħda tiżdied b'ritmu kostanti u għaldaqstant din iż-żieda timplika trasformazzjoni soċjoekonomika u diġitali; billi l-ekonomija diġitali l-ġdida għandha tiġġenera vantaġġi għall-ħaddiema u għas-soċjetà ġenerali billi ttejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-kundizzjonijiet ta' xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, toħloq opportunitajiet ġodda ta' impjieg u tikkontribwixxi għall-konverġenza soċjoekonomika; billi l-IA rregolata b'mod adegwat għandha l-potenzjal li trawwem il-prosperità u tiffaċilita t-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli, robusta u aktar reżiljenti; billi l-IA toffri vantaġġi ekonomiċi u opportunitajiet ġodda għall-impriżi, filwaqt li fl-istess ħin tirrappreżenta sfidi ta' natura ġuridika u relatati mal-impjiegi; billi l-ħaddiema jeħtieġ li jingħataw it-taħriġ neċessarju fil-ħiliet meħtieġa ħalli jaħdmu fil-kuntest tat-teknoloġija li qed tevolvi u jadattaw ruħhom għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali;
- R. billi l-kriżi attwali wriet li l-impjiegi fil-livelli kollha ta' ħiliet joffru valur għas-soċjetajiet u għall-ekonomiji u għandhom jiżguraw postijiet tax-xogħol sikuri u sani u impjiegi ta' kwalità; billi teżisti domanda qawwija għal ħaddiema fi snajja' u professjonijiet speċifiċi; billi l-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-politiki ta' taħriġ tul il-ħajja li jipprevedu u jirriflettu l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, jiżguraw integrazzjoni aħjar tas-suq tax-xogħol u għandhom importanza fundamentali għall-operaturi ekonomiċi u għall-iżviluppi professjonali tal-ħaddiema; billi l-programmi ta' titjib tal-ħiliet, ta' taħriġ mill-ġdid u ta' taħriġ għandhom ikunu disponibbli għall-ħaddiema kollha, inklużi dawk b'diżabilità, u għandhom ikunu adattati wkoll għall-ħtiġijiet u għall-kapaċitajiet tal-ħaddiema;
- S. billi xorta waħda, fl-2018, kien hemm aktar minn 3 300 inċident okkupazzjonali fatali u 3.1 miljun inċident okkupazzjonali mhux fatali fl-EU-27; billi aktar minn 200 000 ħaddiem imutu kull sena minn mard relatat max-xogħol¹¹; billi tali data ma tinkludix l-inċidenti li ġraw waqt xogħol mhux iddikjarat, u dan jimplika li ċ-ċifri reali x'aktarx huma oġhla mill-istatistika uffċjali¹²; billi, skont l-Eurofound, fl-2017, 21 % tal-impjiegi fl-Ewropa kienu "impjiegi ta' livell għoli" u 20 % tal-impjiegi kienu ta' "kwalità skarsa"¹³ u jqiegħdu lill-ħaddiema friskju fiżiku jew mentali miżjud; billi 14 %

¹¹ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_3170

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0323&from=MT>

¹³ "Sixth European Working Conditions Survey – Overview report (2017 update)" (Is-Sitt Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol – Rapport ġenerali, aġġornament tal-2017), Eurofound, 2017, l-Uffċju tal-

tal-ħaddiema ġew esposti għal livell għoli ta' riskju psikosoċjali; billi 23 % tal-ħaddiema Ewropej jemmnu li s-sikurezza jew is-saħħa tagħhom hija f'riskju minħabba xogħolhom; billi l-mard u l-korrimenti relatati max-xogħol jiswew lill-Unjoni Ewropea 3,3 % tal-PDG tagħha¹⁴; billi l-ħaddiema għandhom id-dritt għal post tax-xogħol san, sikur u aċċessibbli u li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-istandards tas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali; billi strateġiji preventivi insuffiċjenti u strateġiji biex jintegraw ħaddiema f'età akbar, ħaddiema b'diżabilità kif ukoll ħaddiema lesti li jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol wara mard fit-tul jinvolvu opportunitajiet mitlufa għall-ħaddiema, għall-impriżi u għas-soċjetà fl-intier tagħha;

Kapitolu I

Jinnota li s-sostenibbiltà, l-inklużjoni soċjali u l-benesseri tal-poplu Ewropew iridu jkunu fil-qalba tal-istrateġija ekonomika tal-UE, u li l-President tal-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha f'dan ir-rigward; jirrimarka li l-UE teħtieġ riforma tal-governanza ekonomika li tiffoka fuq l-iżvilupp sostenibbli u l-benesseri; jenfasizza l-ħtieġa ta' investiment pubbliku soċjali u ambjentali fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza;

2. Ifakkar li, skont it-Trattati, l-Unjoni għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa msejjes fuq it-tkabbir ekonomiku ekwilibrat, il-livell massimu ta' impjiegi, ambjenti u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, il-progress soċjali, il-livell għoli ta' protezzjoni u titjib fil-kwalità tal-ambjent, il-promozzjoni ta' progress xjentifiku u teknoloġiku, il-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi, l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u l-promozzjoni tal-konverġenza soċjali 'l fuq, il-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tal-drittijiet tat-tfal u tal-persuni b'diżabilità; jinsisti li dawn l-għanijiet iridu jkunu l-prijoritajiet ġenerali tal-istrateġija għat-tkabbir sostenibbli fit-tul tal-UE f'konformità mal-SDGs tan-NU, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Patt Ekoloġiku, u jirfdu l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-governanza ekonomika Ewropea tkun allinjata ma' dawn l-għanijiet u l-istrateġiji;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tislet tagħlimiet minn din il-kriżi u taħdem fuq l-implimentazzjoni ta' governanza sostenibbli trasformata fl-UE bbażata fuq is-solidarjetà, il-ġustizzja soċjali u l-integrazzjoni, id-distribuzzjoni ġusta tal-ġid, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, inklużja sistema edukattiva pubblika, universali u ta' kwalità għolja, impjiegi ta' kwalità u tkabbir sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni biex, qabel ma tiegħu d-deċiżjoni li tiddiżattiva l-klawżola liberatorja ġenerali, tikkunsidra mhux biss valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija bbażata fuq kriterji kwantitattivi, iżda wkoll waħda li tirrifletti b'mod xieraq l-inugwaljanzi sottostanti, kif ukoll is-sitwazzjoni fl-oqsma tal-impjieg, soċjali u tas-saħħa tal-Istati Membri;

Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2021 intitolata "Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027: Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel" (COM(2021)0323).

4. Jisħaq li huwa kruċjali li jiġi kkunsidrat is-suċċess tal-ekonomija tal-UE fir-rigward tal-benesseri taċ-ċittadini u tal-ħaddiema, is-swieq tax-xogħol inklużivi, u l-istandards tax-xogħol u dawk ambjentali;
5. Jisħaq li t-tkabbir ekonomiku sostenibbli jrid ikun l-għan għat-trasformazzjoni soċjoekoloġika inklużiva u sostenibbli tal-ekonomiji tagħna, filwaqt li jiġu evitati żbilanċi soċjali, ekonomiċi u ambjentali billi jiġi miġġieled il-faqar, jitnaqqsu l-inugwaljanzi, u jinħolqu impjegi deċenti b'paga u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati; jinnota li jekk l-ekonomiji tagħna jkunu kompetittivi, dawn jistgħu jiżviluppaw il-kapaċitajiet adatti għall-futur, inkluża l-kapaċità li jżommu l-pass mad-domandi ta' suq tax-xogħol modern; jenfasizza li parti sostanzjali mid-dħul iġġenerat mit-tkabbir ekonomiku, u d-dħul fiskali sussegwenti, għandhom jintużaw biex jiġu ffinanzjati s-servizzi pubbliċi, inklużi s-sistemi tas-saħħa u tal-edukazzjoni pubbliċi; jindika l-ħtieġa għal appoġġ qawwi għas-servizzi pubbliċi u s-sistemi tas-saħħa u tal-edukazzjoni, inkluż biex jiġi stimulat il-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità, l-irkupru inklużiv u l-antiċipazzjoni ta' kriżi futura; jappella għalhekk għal reviżjoni tal-governanza ekonomika Ewropea attwali, u b'mod partikolari tar-regoli fiskali tal-UE; jenfasizza li t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv huwa meħtieġ għall-progress, l-innovazzjoni, l-impjegi deċenti u l-ħajjiet awto-determinati; jisħaq li introjtu deċenti jiżgura standard tal-għajxien deċenti u jipprovdi protezzjoni soċjali għall-familji;
6. Jinsab imħasseb li xi Stati Membri kellhom id-dejn qabel il-pandemija tal-COVID-19; jilqa' r-rispons Ewropew storiku u bla preċedent fil-forma tan-Next Generation EU u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bħala strumenti li jtaffu l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija fl-Istati Membri;
7. Jaċċentwa li r-responsabbiltà demokratika għall-proċess ta' evalwazzjoni tas-Semestru attwali jeħtieġ li tissaħħaħ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrifurmaw il-qafas legali finanzjarju u l-proċess tas-Semestru Ewropew sabiex jiġi żgurat li l-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika jsaħħaħ ir-responsabbiltà demokratika u l-involvement tal-Parlament, isaħħaħ ir-rwol u l-parteciċipazzjoni tal-UE u tas-sħab soċjali nazzjonali, u jiżgura approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni u orjentat lejn ir-riżultati għall-oġġettivi tal-politika;
8. Jisħaq li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jinkludi tliet miri ewlenin u li l-aħħar waħda hija relatata mal-faqar u għandha l-għan li tnaqqas l-għadd ta' persuni friskju tal-faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun, li minnhom mill-inqas 5 miljuni għandhom ikunu tfal, meta mqabbel mal-2019; jiddispjaċih madankollu li l-Kummissjoni għadha ma ppreżentatx aġenda ċara u komprensiva biex jintlaħaq dan l-oġġettiv permezz ta' għodod u mezzi finanzjarri effettivi; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mingħajr dewmien strateġija kontra l-faqar bl-impenn li jiġi eliminat il-faqar fl-Ewropa sal-2050; jemmen li din l-istrateġija għandha tinkludi, fost oħrajn, il-progress soċjali bħala prijorità ta' investment, li jimplika li n-Next Generation EU kif ukoll il-qafas finanzjarju pluriennali u l-Baġit tal-UE jridu jiddedikaw investimenti lejn l-oġġettivi soċjali, b'mod partikolari il-progress soċjali, li jaqblu fl-ambizzjoni ma' dawk l-investimenti fl-oqsma ekoloġiċi u diġitali, u li t-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanzi għandu jkun ukoll kunsiderazzjoni trażversali fin-nefqa kollha;

9. Jemmen li l-elementi eżistenti ta' flessibbiltà fl-applikazzjoni tar-regoli fiskali għandhom jiġu applikati b'mod aktar ġeneruż fil-prattika, sabiex it-tnaqqis tad-dejn ma jkunx ta' detriment għal għanijiet importanti oħra, bħal-livell massimu ta' impjegi, servizzi pubbliċi ta' kwalità u l-protezzjoni tal-klima; iqis, f'dan is-sens, li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha titqiegħed fuq bażi permanenti biex jiġi żgurat li strument bħal dan jerġa' jkun disponibbli fi kriżijiet ta' severità simili, u jkun jista' jiġi aċċessat aktar malajr;
10. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal fond soċjali għall-klima li jindirizza l-konsegwenzi soċjali tat-trasformazzjoni tas-soċjetajiet tagħna lejn in-newtralità klimatika; huwa konvint li l-impatt soċjali tal-politiki ekoloġiċi għandu jiġi ttrattat b'mod aktar mifruż, u jenfasizza l-urġenza li jiġu adottati strumenti li jippermettu lill-partijiet kollha tas-soċjetà jgawdu l-benefiċċji ta' soċjetà newtrali għall-klima u jipproteġu lin-nies u l-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, kemm mill-impatt tat-tibdil fil-klima kif ukoll mit-tniġġis, u li jipprevjenu kwalunkwe konsegwenza soċjali negattiva li tista' tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-azzjonijiet dwar il-klima tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
11. Jappoġġa proċess ta' semestru aktar demokratiku; jemmen bis-sħiħ li r-riforma tal-governanza ekonomika jeħtieġ li timxi id f'id mat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali; jemmen li l-politiki tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jridu jkunu ankrati u integrati fil-fażijiet kollha tal-governanza ekonomika;
12. Iqis li r-referenzi għad-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet jeħtieġ li jiġu inklużi fl-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT), kif kien il-każ f'xi SATs tal-passat;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-istrateġiji nazzjonali eżistenti dwar id-diżabilità fil-proċess tas-Semestru; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jivvalutaw jekk il-miżuri ta' protezzjoni soċjali u ta' diżabilità, inklużi wkoll benefiċċji għall-protezzjoni tal-introjt, jindirizzawx b'mod adegwat il-faqar;
14. Jissottolinja l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-burokrazija żejda sabiex jiġu appoġġati u stimulati t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività u jissottolinja f'dan il-kuntest l-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, biex tirrakkomanda riformi biex titnaqqas il-burokrazija żejda u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament mill-akbar firxa possibbli ta' benefiċjarji, inklużi n-negozji u l-SMEs, l-NGOs, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, il-muniċipalitajiet u ċ-ċittadini; jisħaq li l-SMEs b'mod partikolari jbatu minn piżijiet amministrattivi eċċessivi;
15. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali"; jistieden lill-Kummissjoni tressaq miżuri ambizzjużi biex jiġu stabbiliti u żviluppatti kooperattivi u intrapriżi tal-ekonomija soċjali, li min-natura tagħhom jagħmlu enfasi aktar qawwija fuq kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u r-responsabbilizzazzjoni tal-ħaddiema u taċ-ċittadini;
16. Jenfasizza li l-kriżi tal-COVID-19 diġà ħalliet ħafna zgħażaġh mingħajr impjeg jew f'impjeg prekarju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-qgħad fost

iż-żgħażaġh u jiżguraw li ż-żgħażaġh jirċievu l-ewwel esperjenza ta' xogħol adegwata u ta' kwalità; jistieden lill-Kummissjoni tigarantixxi aċċess liż-żgħażaġh għal traineeships u apprendistati ta' kwalità u mħallsa, u jikkundanna l-prattika ta' apprendistati mingħajr ħlas bħala forma ta' sfruttament ta' ħaddiema żgħażaġh, u ksar tad-drittijiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tressaq qafas legali għall-internships, it-traineeships u l-apprendistati effettivi;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina l-istrumenti Ewropej eżistenti, bħall-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships u l-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi, u tinkludi kriterji ta' kwalità għall-offerti magħmula liż-żgħażaġh, inklużi l-prinċipju ta' remunerazzjoni ġusta għat-trainees u l-internati, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, l-impjeg sostenibbli u d-drittijiet soċjali;
18. Jenfasizza li riallokazzjoni bil-mod u l-ispariġġi fil-ħiliet jistgħu jwasslu għal tfixkil kbir fil-proċess ta' rabta ta' impjegi vakanti ma' persuni mingħajr impjeg, u jistgħu jwasslu għal qgħad strutturali ogħla; jirrimarka li l-politika jeħtieġ li tappoġġa lill-ħaddiema biex isibu impjegi li jirrikjedu kwalifiki differenti minn dawk tal-impjegi preċedenti tagħhom;
19. Jisħaq li t-titjib tal-impjeg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-gruppi milquta l-aktar b'mod negattiv mill-pandemija jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-effetti ċikatriċi tal-qgħad u l-inattività, u ż-żieda tal-inugwaljanzi; jemmen li l-kombinament ta' kopertura għolja ta' negozjar kollettiv u r-rati ta' sħubija fit-trade unions, kif ukoll politiki attivi tas-suq tax-xogħol iffinanzjati tajjeb u benefiċċji soċjali, huma strumenti essenzjali għall-għieda kontra l-faqar fost dawk li jaħdmu;
20. Jemmen li r-regoli tat-trasparenza tal-pagi huma strument importanti sabiex titqajjem kuxjenza dwar id-diskriminazzjoni fil-pagi kontra n-nisa, jistgħu joħolqu d-dritt għal informazzjoni dwar il-livelli tal-pagi skont il-ġeneru, jirrikjedu lill-kumpaniji jirrapportaw informazzjoni dwar l-impjeg u l-pagi skont il-ġeneru, u jinċentivawhom biex iwettqu awditjar tal-pagi skont il-ġeneru; jenfasizza li miżuri relatati ma' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali huma b'mod partikolari importanti għal ċerti pajjiżi b'differenzi inizjali kbar bejn il-ġeneri fil-pagi fi stadju bikri fil-karrieri tal-ħaddiema;

Ekonomija li tiproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin

21. Jilqa' l-Qafas strateġiku tal-Kummissjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027, b'mod partikolari, l-introduzzjoni tal-approċċ "Viżjoni Żero" għall-aċċidenti u l-mard relatati max-xogħol; jiddispjaċih madankollu li l-livell ta' ambizzjoni tal-istrateġija ma jikkorrispondix mal-objettiv tal-"Viżjoni Żero" u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti li jaqblu ma' din l-ambizzjoni; jappella għall-istabbiliment ta' pjan direzzjonali għat-tnaqis tal-aċċidenti u l-imwiet fuq il-post tax-xogħol, b'finanzjament adegwat għall-Istati Membri u l-kumpaniji biex itemmu t-tranżizzjoni lejn "zero fatalitajiet"; jenfasizza li l-approċċ "Viżjoni Żero" ma għandux iwassal għas-sottorapportar ta' aċċidenti u mard relatati max-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tkopri l-korrimenti u l-aċċidenti kollha, l-attrizzjoni fiżika u mentali fl-approċċ "Viżjoni Żero"; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-enfasi fuq strateġiji ta' prevenzjoni bħat-tiħiħ tal-ispettorati tax-xogħol, is-

servizzi nazzjonali tas-saħħa u s-sikurezza u d-djalogu bejn is-sħab soċjali biex jiżguraw li l-impjegati kollha, irrispettivament mit-tip jew id-daqs tal-impjegatur tagħhom, ikollhom dritt għall-ogħla livell ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza possibbli;

22. Jemmen li hemm bżonn ta' kooperazzjoni b'saħħitha mas-sħab soċjali u azzjoni leġislattiva dwar diversi aspetti tal-politika tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali sabiex tikkomplementa l-varjetà ta' miżuri mhux vinkolanti previsti sabiex il-"Viżjoni Zero" ssir realtà; jappella għal enfasi ċara fuq il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u t-tisħiħ tal-konsultazzjoni tas-sħab soċjali;
23. Jisħaq fuq il-feġġ ta' riskji ġodda tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali minħabba l-aċċelerazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-effett potenzjali tagħha fuq il-ħaddiema, kif ukoll minħabba avvanzi teknoloġiċi bħall-Intelliġenza Artifiċjali u d-diġitalizzazzjoni li jistgħu jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol perikolużi; jiġbed l-attenzjoni għar-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos¹⁵ u jilqa' l-progress li sar fil-proċess ta' reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni (CMD4); jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjonijiet leġislattivi u mhux leġislattivi xierqa u proporzjonati biex tikkontrolla dawn ir-riskji emerġenti;
24. Jilqa' u jisħaq fuq ir-rwol ċentrali tal-Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 biex jiżgura postijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, b'mod partikolari l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fil-kuntest tat-trasformazzjoni ekoloġika, diġitali u demografika; jisħaq fuq l-importanza li tittejjeb il-prevenzjoni ta' aċċidenti u mard relatati max-xogħol, jiġu eliminati l-imwiet relatati max-xogħol u tiżdied it-tħejjija għal rispons għall-kriżijiet tas-saħħa attwali u futuri sabiex tinżamm is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u b'hekk jiġu żgurati l-produttività u l-kompetittività; jenfasizza l-ħtieġa li l-istrateġiji jiffukaw fuq l-indirizzar tal-isfidi li ġejjin mill-proporzjon dejjem akbar ta' ħaddiema akbar fl-età, ħaddiema b'diżabilità jew dawk b'mard kroniku; itenni li l-istress, l-ansjetà jew id-dipressjoni jappartjenu għat-tieni l-akbar grupp ta' problemi ta' saħħa awtorapporati relatati max-xogħol li jistgħu jżidu b'mod sinifikanti r-riskju ta' problemi oħra tas-saħħa, inkluż mard awtoimmuni jew mard muskuloskeletal kif ukoll mard infjammatorju reumatiku jew kroniku;
25. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi direttiva ġdida dwar is-saħħa mentali li tipprevjeni riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol u tiżgura l-benesseri tal-ħaddiema; jemmen li regolamentazzjoni vinkolanti hija essenzjali fil-prevenzjoni b'mod effiċjenti tad-disturbi mentali bħall-ansjetà, id-dipressjoni, l-eżawriment u l-istress postrawmatiku, kif ukoll biex dawn jiġu rikonoxxuti bħala mard okkupazzjonali; iqis li r-rekwiżiti minimi għal xogħol mill-bogħod għandhom jiġu indirizzati f'din id-direttiva sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-iskonnessjoni; jemmen li din id-direttiva għandha tirregola l-użu ta' għodod diġitali eżistenti u ġodda għal skopijiet ta' xogħol, u tiċċara l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-teleħaddiema, li jridu jkunu ekwivalenti għal dawk ta' ħaddiema komparabbli;
26. Jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat problemi strutturali diġà eżistenti tas-settur soċjali, b'mod partikolari fil-kura fit-tul, inklużi kwistjonijiet bħal nuqqas ta' persunal, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, pagi baxxi u l-adozzjoni baxxa ta'

¹⁵ Testi adottati, P9_TA(2021)0427.

soluzzjonijiet diġitali;

Kapitolu III

27. Iqis iż-żieda fil-kapaċità tal-akkwist u l-pagi ogħla bħala fattur importanti tal-irkupru ekonomiku, li jstimula d-domanda domestika aggregata filwaqt li jiżgura l-benesseri taċ-ċittadini; josserva r-riskju li l-pagi fis-sena li ġejja ġeneralment jiżdiedu taħt ir-rata ta' inflazzjoni, u b'hekk tonqos il-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema; iwissi li l-kapaċità tal-akkwist tal-pagi tista' tistaġna jew saħansitra tonqos jekk il-prezzijiet għall-enerġija, l-akkomodazzjoni u l-ikel ikomplu jogħlew; jemmen li l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx għandhom jiġu protetti mill-effetti negattivi tal-prezzijiet li qed jogħlew għas-servizzi, il-prodotti u l-oġġetti tal-ikel bażiċi; jenfasizza li dan għandu jiġi kkombinat ma' miżuri biex jiżdied il-proporzjon ta' unitajiet domestiċi b'introjtu medju; jemmen li n-negozjar kollettivi u s-sħubija fit-trade unions jistgħu jibbilanċjaw mill-ġdid is-setgħa bejn gruppi differenti fis-soċjetà; jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-faqar fost dawk li jaħdmu, il-faqar enerġetiku u l-qgħad fit-tul; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar pagi deċenti fl-Unjoni Ewropea biex tgħin fl-eliminazzjoni tal-faqar fost dawk li jaħdmu u tippromwovi n-negozjar kollettivi;
28. Jinsab imħasseb li, minkejja żidiet reċenti fil-pagi minimi f'ħafna Stati Membri, il-pagi minimi statutorji ħafna drabi jibqgħu baxxi meta mqabbla ma' pagi oħra fl-ekonomija, u ħafna minnhom jinsabu ferm taħt is-60 % tal-paga medjana tal-pajjiż;
29. Jinnota li 22,4 % tal-popolazzjoni tal-UE tinsab friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, li minnhom 24,9 % huma tfal, 23,3 % huma nisa u 18,2 % għandhom aktar minn 65 sena, u li r-riskju tal-faqar fost il-persuni b'diżabilità jiżdied għal 34,6 %; jinsab imħasseb ferm li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE hija ta' aktar minn 15 %; jenfasizza li l-pandemija tal-COVID-19 tagħmel l-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa u l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità aktar importanti minn qatt qabel; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-faqar, speċjalment fost it-tfal, in-nisa u l-anzjani, il-faqar fost dawk li jaħdmu u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar bħala forom estremi ta' faqar u esklużjoni soċjali;
30. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm biżżejjed akkomodazzjoni soċjali adegwata u għall-but ta' kulħadd biex tkopri l-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni tal-popolazzjoni u tnaqqas ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni; jitlob, f'dan ir-rigward, riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-investimenti pubbliċi ekoloġiċi u soċjali meħtieġa, inklużi dawk relatati mal-iżvilupp u t-titjib ta' akkomodazzjoni soċjali, pubblika, għall-but ta' kulħadd u effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jissottolinja li l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar hija waħda mill-aktar forom estremi ta' esklużjoni soċjali; jilqa' t-tnedija tal-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-għan aħħari tagħha li ttejjem il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar sal-2030; jistieden lill-Istati Membri jadottaw strateġiji nazzjonali ambizzjużi, b'finanzjament adegwat nazzjonali u tal-UE, ibbażati fuq il-prinċipju tal-"akkomodazzjoni l-ewwel", sabiex jippromwovu l-prevenzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u jipprovdu aċċess għal akkomodazzjoni adegwata, sikura u għall-but ta' kulħadd;

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aċċess għal akkomodazzjoni deċenti għal kulħadd permezz ta' pjanijiet nazzjonali ta' akkomodazzjoni għall-but ta' kulħadd inklużi fil-programmi nazzjonali ta' riforma;
32. Jilqa' l-attenzjoni għall-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fost il-persuni LGBTIQ, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh LGBTIQ, fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-problema tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fost il-persuni LGBTIQ flimkien mal-Istati Membri;
33. Iqis li servizzi soċjali ta' kwalità, adegwati, aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd huma prerekwiżit għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari fit-tnaqqis fil-forom kollha ta' faqar u esklużjoni soċjali;
34. Jinnota li l-mira ewlenija li jitnaqqas l-għadd ta' nies f'sitwazzjoni ta' faqar bi 15-il miljun mhux se tintlaħaq mingħajr ma jiġu indirizzati dawk l-aktar vulnerabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw modi mmirati ta' appoġġ għall-persuni qiegħda fit-tul u dawk mingħajr dar, kif ukoll persuni li jħabbtu wiċċhom ma' diversi ostakli u diskriminazzjoni;
35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess universali għal edukazzjoni pubblika b'xejn fl-UE għal tfal sal-età ta' 3 snin, li jikkontribwixxi għal opportunitajiet indaqs għall-ġenerazzjoni li jmiss kif ukoll għal żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jinsisti fuq l-importanza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex jiġi pprovdut aċċess ugwali u użu bilanċjat tal-arranġamenti tal-liv mill-irġiel u n-nisa, li se jippermetti lill-ġenituri bit-tfal jew lill-ħaddiema bi qraba dipendenti, biex jibbilanċjaw aħjar ir-responsabilitajiet tal-kura u dawk professjonali;
36. Jinnota li l-familji, it-tfal u l-gruppi vulnerabbli huma fost il-vittmi ewlenin tal-pandemija tal-COVID-19; jišhaq li l-qerda tal-faqar fost it-tfal u l-iżgurar tal-benesseri u l-opportunitajiet indaqs għat-tfal iridu jkunu fost l-oġhla prijoritajiet għall-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni taħdem biex ikun hemm implimentazzjoni urġenti tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, filwaqt li tiżgura baġit iddedikat ta' EUR 20 biljun u li twettaq dan il-kompitu fil-perjodu 2021-2027 sabiex jiġi miġġieled il-faqar li jaffettwa lit-tfal kollha u lill-familji tagħhom, mingħajr ebda restrizzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun akkumpanjat mill-proposta li jmiss għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-introjt minimu biex jikkontribwixxi għall-għan tat-tnaqqis tal-faqar; jišhaq li l-għan tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal huwa li tappoġġa l-politiki nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali billi tiggarantixxi l-aċċess tat-tfal kollha fil-bżonn għal servizzi ewlenin, inklużi tfal ċittadini ta' pajjiżi terzi, irrISPETTIVAMENT mill-istatus ta' migrazzjoni tagħhom; jemmen li l-Garanzija għat-Tfal trid tiġi estiża biex tikkomplementa l-iskemi nazzjonali ta' benefiċċji għat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jutilizzaw ir-riżorsi disponibbli taħt, fost l-oħrajn, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) biex jiġi żgurat li l-Garanzija għat-Tfal tipprevjeni u tiġġieled l-esklużjoni soċjali u l-faqar fost it-tfal fil-bżonn u tippromwovi opportunitajiet indaqs; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, issegwi bir-reqqa l-progress f'dan il-qasam;

37. Ifakkar li ż-żgħażaġh intlaqtu l-aktar mill-impatti tal-pandemija, peress li huma rrappreżentati żżejjed fis-setturi l-aktar milquta mir-restrizzjonijiet tal-pandemija u għandhom probabbiltà akbar li jaħdmu fuq kuntratti temporanji jew part-time, u li x'aktarx jesperjenzaw insigurtà fl-akkomodazzjoni meta mqabbla ma' gruppi oħra, u peress li qed jesperjenzaw impatt sproporzjonat fuq is-sodisfazzjon ta' ħajjithom u l-benesseri mentali, bi kważi żewġ terzi taż-żgħażaġh f'riskju ta' depressjoni¹⁶; jappella għal Strument ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħaħ u skemi nazzjonali aġġornati bil-għan li jitnaqqas il-qgħad fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażaġh mill-inqas b'50 % sal-2030, li jinkludi wkoll kriterji għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità bi qbil mal-SDG 8 tal-Aġenda 2030 tan-NU; jemmen li wasal iż-żmien li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ issir kemm vinkolanti għall-Istati Membri kollha kif ukoll inklużiva, inklużi miżuri ta' sensibilizzazzjoni attivi mmirati lejn żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fit-tul u żgħażaġh minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, bħal żgħażaġh b'diżabilità u żgħażaġh Rom;
38. Jisħaq li huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jinvestu riżorsi suffiċjenti tal-FSE+ f'miżuri li jappoġġaw azzjonijiet immirati u riformi strutturali għal impjiegi ta' kwalità taż-żgħażaġh, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari apprendistati u ħiliet intraprenditorjali; jisħaq, barra minn hekk, li l-Istati Membri jeħtiġilhom jinkludu riformi u investimenti fil-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażaġh f'konformità mal-oġġettivi tal-Garanzija għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ sabiex ikollhom aċċess għal finanzjament fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-investment tal-Istati Membri f'dan il-qasam permezz taċ-ċiklu tas-Semestru u l-programmi ta' riforma nazzjonali fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
39. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jindirizzaw il-problemi strutturali li jikkawżaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal billi jippromwovu livell għoli ta' impjieg u ta' inklużjoni soċjali, inkluż fost il-gruppi żvantaġġati; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza soċjali fir-relazzjonijiet tax-xoġhol; jenfasizza li dan huwa pedament importanti għal ekonomija sostenibbli u prospera u demokrazija b'saħħitha;
40. Jenfasizza li t-tfal kollha huma intitolati li jgawdu d-drittijiet tal-bniedem u ambjent sikur bħala kundizzjonijiet essenzjali għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, għall-protezzjoni tas-saħħa mentali tagħhom, u għall-parteċipazzjoni bis-sħiħ fis-soċjetà u fis-suq tax-xoġhol; jiddispjaċih li, f'dan ir-rigward, it-tfal LGBTI ħafna drabi jisfaw vittmi ta' bullying u vjolenza fl-iskejjel u li dan għandu effett serju fuq il-benesseri tagħhom; jemmen li l-politiki kontra l-bullying kif ukoll l-aċċess tat-tfal għall-informazzjoni dwar l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, għandhom ikunu parti integrali mis-sistemi edukattivi;
41. Jissottolinja l-ħtieġa għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew għal investment f'allowances għad-diżabilità adegwati li jkunu kompatibbli ma' forom oħra ta' introjtu sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' faqar li jħabbtu wiċċhom miegħu l-persuni b'diżabilità;
42. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investment soċjali deċiżiv u effettiv fil-livell Ewropew,

¹⁶ https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef20036en.pdf

nazzjonali u reġjonali biex jissaħħu s-servizzi soċjali;

43. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li kulħadd fis-soċjetà tagħna jkollu l-ħiliet xierqa biex isib impjieg u jiżviluppa t-talenti tiegħu, speċjalment il-ġenerazzjoni żagħżuġha; jissottolinja l-hteġa li jissaħħu l-programmi edukattivi tal-UE filwaqt li l-edukazzjoni u t-taħriġ jiġu allinjati mal-ħteġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà tal-futur; il-ħaddiema, l-ġhalliema u min iħarreġ għandhom jidentifikaw, jappoġġaw u jippromwovu l-ħiliet it-tajba fit-taħriġ; jemmen li l-investment fl-infrastruttura diġitali huwa inevitabbli; huwa konvint li l-ostakli, bħan-nuqqasijiet ta' ħaddiema, ixekklu t-tkabbir ekonomiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw mingħajr dewmien pakkett komprensiv ta' miżuri li jindirizza n-nuqqasijiet ta' ħaddiema, li jiffoka fuq il-pagi li jggarantixxu l-ġhajxien, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-tisħiħ tal-mobilità tal-forza tax-xogħol fl-UE, il-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol, u aċċess aktar faċli għall-finanzjament għall-SMEs; jappella għal tisħiħ tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għar-rikonossiment xieraq tal-kompetenzi u tal-kwalifiki miksuba barra l-fruntieri Ewropej; jistieden lill-Istati Membri jirrikonossu, jivvalidaw u jiċċertifikaw il-kompetenzi, il-kapaċitajiet, it-talenti u l-ġharfien espert formali u mhux formali eżistenti ta' persuni minn pajjiżi terzi; jisħaq fuq il-hteġa li jiġi ggarantit l-aċċess għal edukazzjoni formali, informali u mhux formali u taħriġ tul il-ħajja u ta' kwalità għolja;
44. Jisħaq fuq l-importanza ta' servizzi pubbliċi tal-impjieg b'biżżejjed riżorsi; jemmen li s-servizzi pubbliċi tal-impjieg għandhom joffru appoġġ individwalizzat u valutazzjoni tal-ħteġijiet lil persuni b'diżabilità li jkunu qed ifittxu impjieg, lil persuni akbar fl-età li jkunu qed ifittxu impjieg u lil persuni li jkunu ilhom qiegħda;
45. Jemmen li aktar rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew li ġejjin għandhom jinkludu enfasi fuq il-kwalità u l-finanzjament għal, kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-kura fit-tul iċċentrata fuq il-persuna, inklużi l-kura soċjali u l-appoġġ; ifakkar lill-Istati Membri fid-Dikjarazzjoni ta' Astana tal-2018 u l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kura tas-saħħa primarja biex jipprovdu kura bbażata fil-komunità ekwa, aċċessibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd għall-persuni akbar fl-età;
46. Huwa mħasseb ħafna dwar l-impatt tal-pandemija fuq is-saħħa mentali tal-ħaddiema u s-soċjetà b'mod ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni tressaq b'mod sistematiku rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ tas-sistemi tal-kura tas-saħħa mentali;
47. Iqis li r-rakkomandazzjonijiet tal-politika tal-impjieg ma għandhomx jinsew il-qgħad fit-tul u l-inattività, speċjalment fost il-persuni akbar fl-età; jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-passat indirizzati lil xi Stati Membri li jirreferu għall-hteġa li tiġi rieżaminata s-sistema ta' inċentivi ta' reklutaġġ għall-promozzjoni tal-impjieg taż-żgħażaġħ; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, testendihom għal persuni akbar fl-età li jkunu qed ifittxu impjieg;
48. Jisħaq fuq il-konsegwenzi fuq is-saħħa ta' ħsara kbira u varjati tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, li ntweru li għandha l-potenzjal li twassal għal konsegwenzi severi fuq is-saħħa fiżika u mentali; jappella, għalhekk, għal protezzjoni xierqa u riżorsi adegwati għall-vittmi tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u żieda fir-riżorsi u azzjoni effettiva għal dak il-ġħan;

Kapitolu IV

49. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqasijiet globali ta' ħafna oġġetti, dovuti parzjalment għat-tħarbit ikkawżat mill-pandemija; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika nuqqasijiet f'postijiet tal-produzzjoni strateġiċi u tippreżenta strateġiji biex issaħħaħ l-awtosuffiċjenza tal-UE f'industriji kritiċi u tiddiversifika s-sorsi sabiex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq pajjiżi terzi mhux demokratiċi; jappella għat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali u ekonomikament sostenibbli tal-istrateġija industrijali, b'enfasi partikolari fuq impjiegi ta' kwalità u ktajjen tal-valur strateġiċi fl-UE, u li r-rekwiżiti regolatorji meħtieġa jiġu adattati jew introdotti f'dan ir-rigward sabiex tiġi żgurata kapaċità industrijali Ewropea sostenibbli u robusta u għal appoġġ finanzjarju kundizzjonali adegwat; jappoġġa politika industrijali ambizzjuża u koerenti li tinvolvi s-sħab soċjali sabiex tissaħħaħ l-ekonomija reali u jiġu promossi industriji u servizzi kompetittivi u sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi direttiva qafas ġdida dwar l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-partiċipazzjoni tal-ħaddiema għal standards minimi Ewropej, inkluż għall-antiċipazzjoni tal-bidla; jappella wkoll għal revizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet li ssaħħaħ id-dritt tar-rappreżentanti tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, speċjalment fil-proċessi ta' ristrutturar; jemmen li bażi industrijali b'saħħitha tirrikjedi kundizzjonijiet ekwivalenti b'inċentivi b'saħħithom għall-innovazzjoni, standards ambjentali għoljin u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin; jissottolinja l-importanza tal-involvement tas-sħab soċjali fl-iżvilupp ta' strateġiji industrijali;
50. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kapaċità industrijali u tal-produzzjoni Ewropea sabiex tnaqqas id-dipendenzi; jisħaq fuq l-importanza li tiġi żviluppata s-sovraniżat teknoloġika u li jinħolqu valur u impjiegi Ewropej f'oqsma industrijali strateġiċi; jissottolinja l-importanza tal-awtonomija strateġika tal-UE u tar-reżiljenza tal-katina tal-provvista tagħha;
51. Iqis li l-involvement tal-ħaddiema fi kwistjonijiet tal-kumpaniji huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata governanza korporattiva sostenibbli u jiġu evitati nuqqasijiet ta' oġġetti strateġiċi u d-delokalizzazzjoni tal-produzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti meħtieġa sabiex għal mill-inqas 80 % tal-korporazzjonijiet li se jkunu koperti minn ftehimiet ta' governanza korporattiva sostenibbli sal-2030, sabiex jiġu stabbiliti strateġiji miftiehma mal-ħaddiema biex jiġi influwenzat b'mod pożittiv l-iżvilupp ambjentali, soċjali u ekonomiku permezz ta' prattiki ta' governanza u ta' preżenza fis-suq, jittejjeb l-obbligu ta' rendikont tad-diretturi għall-integrazzjoni tas-sostenibbiltà fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet korporattivi, u jiġu promossi prattiki ta' governanza korporattiva li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-kumpaniji, b'referenza, fost l-oħrajn, għar-rapportar korporattiv, ir-remunerazzjoni tal-bord, id-differenza fil-proporzjon tal-paga massima, il-kompożizzjoni tal-bordijiet u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati;
52. Jappella li titfassal direttiva dwar drittijiet tal-bniedem vinkolanti, diliġenza dovuta u mġiba responsabbli fin-negożju, li tinkludi d-drittijiet tal-ħaddiema bħad-dritt ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negożjar kollettiv, id-dritt tas-saħħa u s-sikurezza, u l-protezzjoni soċjali u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, filwaqt li tistabbilixxi diliġenza dovuta obligatorja li tkopri l-attivitajiet tal-kumpaniji u r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom, inklużi l-ktajjen tal-provvista u tas-sottokuntrattar; jisħaq li din id-direttiva

għandha tiżgura l-involvement sħiħ tat-trade unions u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-proċess kollu tad-diliġenza dovuta, u għandha tiggarrantixxi d-dritt li jinkiseb ftehim kollettiv fil-livelli rilevanti fir-rigward tal-politiki dwar id-diliġenza dovuta; jissottolinja li kemm l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol kif ukoll l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), jeħtiġilhom ikunu jistgħu jwettqu spezzjonijiet konġunti tul il-katina kollha, iressqu lmenti u joffru appoġġ għall-konformità għall-kumpaniji kollha tal-UE u l-kumpaniji li jkun jridu aċċess għas-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni tinsisti fuq ir-ratifika tal-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) Nru 81 (spezzjoni tax-xogħol) u Nru 129 (spezzjoni tax-xogħol fis-settur agrikolu) mis-sħab kummerċjali kollha tal-UE;

53. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem għall-ilħiq ta' reżiljenza ekonomika, tippromwovi investiment pubbliku f'setturi strateġiċi u sistemi ta' protezzjoni soċjali, tippoteġi l-intraprenditorija u l-SMEs, u tiżgura progress soċjali fl-UE permezz ta' impjiegi mħallsa tajjeb; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu r-reżiljenza, il-kompetittività u t-tnejja tal-ekonomija għal kriżijiet futuri, sabiex joħolqu ambjent li jiffavorixxi n-negozji li jgħin biex jattira l-investiment u l-intraprendituri, u jiżguraw UE ġusta u soċjali b'impjiegi li jippermettu ħajja deċenti, fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura, filwaqt li tiġi rispettata s-sussidjarjetà tal-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għan-negozji b'enfasi speċjali fuq l-SMEs, li huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea;
54. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fir-rakkomandazzjonijiet tagħha stedina lill-Istati Membri kollha biex jinvestu fl-ekonomija soċjali u fl-ekonomija ċirkolari, mhux biss minħabba l-potenzjal tagħhom għall-ħolqien tal-impjiegi, iżda wkoll bħala faċilitaturi għal irkupru ekonomiku inklużiv u t-tranżizzjoni ekoloġika;
55. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħiliet fl-UE sabiex jiġu eliminati r-restrizzjonijiet fis-suq tax-xogħol; jinnota li xi wħud minn dawn id-diskrepanzi jfixxlu l-produttività u t-tkabbir ekonomiku u jiskoraġġixxu lill-ħaddiema milli jidħlu fis-suq tax-xogħol; jisħaq fuq il-ħtieġa li t-taħriġ, l-edukazzjoni formali u dik mhux formali jiġu ttrasformati u modernizzati, kif ukoll fuq il-ħtieġa li jittejbu l-gwida għall-karriera, il-kisba ta' ħiliet diġitali u l-edukazzjoni, u li jiġu promossi t-taħriġ vokazzjonali u l-apprendiment tul il-ħajja; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-ħtieġa li jittejbu l-ħiliet diġitali fl-UE f'konformità mal-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol futuri, kif rifless, fost l-oħrajn, fin-nuqqas ta' professjonisti tal-IT; jissottolinja wkoll l-importanza ta' ħiliet diġitali bażiċi għall-inklużjoni soċjali, inkluż għall-persuni akbar fl-età u l-persuni li jgħixu f'żoni remoti; jisħaq fuq l-importanza li ssir enfasi fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u li jsir investiment fihom fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, tat-taħriġ mill-ġdid u tat-titjib tal-ħiliet u t-tkomplija tal-apprendiment tul il-ħajja, b'enfasi partikolari fuq il-ħiliet STEM għall-bniet u n-nisa; ifakkar, f'dan il-kuntest, fil-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess ugwali għat-taħriġ għall-ħaddiema kollha; jappella li s-sistemi edukattivi tal-UE jsiru aktar uniformi u li l-kwalifiki jiġu rikonoxxuti b'mod aktar wiesa'; jisħaq fuq il-ħtieġa li jinholq ambjent ta' network għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tal-edukazzjoni għolja, iċ-ċentri ta' taħriġ vokazzjonali u l-impjegaturi li jaħdmu flimkien biex ibassru u jissodisfaw il-ħtiġijiet futuri tas-suq tax-xogħol; jisħaq li, f'kuntest ta' popolazzjoni fejn l-għadd ta' persuni ta' età tax-xogħol dejjem qiegħed jiċkien, miżuri li jdaħħlu aktar nies fis-suq tax-xogħol huma essenzjali; iqis li l-

integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-provvista ta' ħaddiema, tnaqqas in-nuqqasijiet ta' ħaddiema u tippromwovi rati ogħla ta' impjieg; iquis li dan jeħtieġ li jiġi kkombinat ma' miżuri oħra; jisħaq fuq l-importanza li jingħata lok għal ħajja tax-xogħol aktar favur is-saħħa, li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u li s-swieq tax-xogħol jiġu adattati aħjar għall-ħtiġijiet dejjem jinbidlu tal-ħaddiema tul ħajjithom;

56. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi prijorità għar-riforma u l-investment fil-kura fit-tul fil-proċess tas-Semestru Ewropew u għall-ħtiġijiet ta' kura fit-tul ta' kwalità, aċċessibbli, għall-but ta' kulħadd u adegwata b'enfasi fuq servizzi ta' kura bbażati fil-komunità, iċċentrati fuq il-persuna u b'pożizzjoni msaħħa li jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nies u li jkun aċċessibbli għal persuni b'introjti aktar baxxi; jinnota li l-investment fil-kura fit-tul huwa opportunità biex jinħolqu l-impjiegi; jisħaq fuq l-importanza li tingħata attenzjoni għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità b'pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;
57. Jisħaq li l-investment fl-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati u r-riċerka u l-innovazzjoni huma kruċjali għall-politiki ekonomiċi futuri għall-ġestjoni tat-tranżizzjoni diġitali; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskrepanza fl-investment diġitali kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, b'mod partikolari b'enfasi fuq l-appoġġ tal-SMEs;

Kapitolu V

58. Jenfasizza li biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, irridu nindirizzaw u nħaddnu l-isfidi u l-opportunitajiet li jinħolqu biex nilħqu l-għanijiet tagħna; jemmen li t-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju trid tkun ekwa, ikkaratterizzata mill-ekwità soċjali u li ma tħalli ebda ħaddiem jew komunità lokali jibqgħu lura; jisħaq li l-impjiegi għandhom jiġu ssalvagwardjati u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom jittejbu, abbażi ta' ekonomija soċjali tas-suq b'riċerka u innovazzjoni b'saħħithom f'teknoloġiji ġodda; jemmen li tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għandha tkun ġusta u inklużiva u twassal għal Ewropa aktar sostenibbli u kompetittiva fejn il-ħaddiema jkollhom id-dinjità u l-opportunitajiet biex jistagħnew; jinnota li l-investment pubbliku mistenni jiżdied fl-2021 u fl-2022 meta mqabbel maċ-ċifri tal-2019, skont it-Tbassir Ekonomiku tar-rebbiegħa tal-2021 tal-Kummissjoni;
59. Jaqbel mal-ILO fid-definizzjoni tagħha tat-tranżizzjoni ġusta għall-iżvilupp sostenibbli bħala approċċ iċċentrat fuq il-bniedem għall-futur tax-xogħol li jittrasforma l-ekonomiji u s-soċjetajiet, jimmassimizza l-opportunitajiet ta' xogħol deċenti għal kulħadd, inaqqas l-inugwaljanzi, jippromwovi l-ġustizzja soċjali, u jappoġġa l-industriji, il-ħaddiema u l-komunitajiet;
60. Ifakkar fir-rwol kruċjali li għandhom is-sħab soċjali Ewropej, nazzjonali u settorjali li jantiċipaw il-bidla; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti mill-qrib it-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċizzjonijiet sabiex jiġu żgurati tranżizzjonijiet effiċjenti u ġusti; jisħaq fuq ir-rwol kritiku tan-negożjar kollettiv li jiżgura l-ogħla standards ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali, żvilupp rilevanti tal-ħiliet u antiċipazzjoni strateġika tal-bidla; jisħaq li d-drittijiet tal-bniedem Ewropej u internazzjonali jiggarrantixxu lill-ħaddiema kollha d-dritt li jorganizzaw, jiffurmaw u

jissieħbu ma' trade union, li jinvolvu ruħhom f'negozjar kollettiv, li jieħdu azzjoni kollettiva biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom u jgawdu l-protezzjoni taħt ftehimiet kollettivi, irrispettivament mill-istatus ta' impjeg tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jneħħu kwalunkwe leġislazzjoni nazzjonali li tfixkel in-negozjar kollettiv, inkluż billi jiżguraw l-aċċess tat-trade unions għall-postijiet tax-xogħol għall-fini ta' organizzazzjoni, kondivizzjoni ta' informazzjoni u konsultazzjoni, u għat-tisħiħ tar-rappreżentanza tal-ħaddiema;

61. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw inizzjattivi mmirati lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-protezzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal kulħadd; jenfasizza, fil-kuntest tat-telexogħol, id-dritt għas-separazzjoni mix-xogħol, il-benesseri psikoloġiku fuq il-post tax-xogħol u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol; jappella għal impjegi ta' valur għall-ħaddiema u għaldaqstant jappella wkoll għat-tisħiħ tar-rwol tas-sħab soċjali u n-negozjar kollettiv; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għal ħaddiema tal-pjattaformi u jappella li tiġi adottata malajr; jilqa' l-introduzzjoni ta' preżunzjoni konfutabbli ta' relazzjoni ta' impjeg ibbażata fuq il-prinċipji ta' supremazija tal-fatti fl-ambitu ta' din id-direttiva għall-persuni kollha li jaħdmu għal pjattaformi tax-xogħol diġitali; iqis essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti u li l-pjattaformi jkunu soġġetti għall-istess regoli tas-suq tax-xogħol li huma soġġetti għalihom il-kumpaniji tradizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjattaformi diġitali jużaw algoritmi trasparenti, nondiskriminatorji u etiċi; jisħaq fuq l-importanza tar-relazzjonijiet tax-xogħol bejn il-bnedmin u tad-dinjità fuq il-post tax-xogħol u jqis essenzjali li l-ġestjoni algoritmika titwettaq minn superviżuri bnedmin u li d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu responsabbli, kontestabbli u, fejn xieraq, riversibbli;
62. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-infurzar u jiġġieldu kontra l-prattiki ta' aġenziji tax-xogħol temporanji diżonesti; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel iċ-ċertifikazzjoni obligatorja għall-akkwist pubbliku fl-UE kollha u tistabilixxi reġistru soċjali għal dan il-għan; ifakkar fir-rwol li akkwist pubbliku li jkun soċjalment responsabbli jista' jkollu fil-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol, xogħol deċenti, inklużjoni soċjali u professjonali u kundizzjonijiet aħjar għal gruppi vulnerabbli; jisħaq li l-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw riformi f'dan il-qasam, inkluż permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, sabiex ir-regoli tal-akkwist pubbliku jsiru aktar dinamiċi u trasparenti, biex iqisu l-oġġettivi soċjali u tas-suq tax-xogħol u, b'mod partikolari, jippromwovu l-aċċess tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għall-akkwist pubbliku, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali;

◦

◦ ◦

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tal-Ewropa u l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, dan ir-rapport huwa ta' sinifikat partikolari f'termini tal-valur tiegħu. Għalhekk huwa importanti ħafna għar-rapporteur li dan ir-rapport ikun appoġġat mill-gruppi politiċi kollha u li jilħaq udjenza usa'.

Għalhekk, dan ir-rapport huwa differenti minn rapporti preċedenti f'termini tas-sinifikat, tal-obiettivi u taċ-ċarezza tiegħu. Is-swieq tal-Ewropa u tad-dinja mhux biss ġew affettwati b'mod qawwi mill-COVID-19, iżda wkoll mill-kriżi klimatika, mill-intelliġenza artifiċjali u minn żbilanċ dejjem jikber bejn regolamenti soċjali u l-ekonomija tas-suq, u li jkomplu għaddejjin b'mekkaniżmi konsiderevolment negattivi.

Filwaqt li jitqies li l-Ewropa u s-swieq tagħha għaddew minn proċess ta' żvilupp flivelli differenti - li jrid ikompli - dan ir-rapport huwa wkoll il-bażi tar-rifjut tal-inizjattiva tal-Forum Ekonomiku Dinji, l-hekk imsejja "Great Reset" biex issawwar mill-ġdid l-ekonomija u s-soċjetà globali wara l-pandemija tal-COVID-19.

Ir-rapporteur jaċċetta li ħafna rapporti oħra relatati mas-suġġett huma multidixxiplinari fl-approċċ tagħhom. Huwa jenfasizza b'mod espliċitu li dan ir-rapport huwa komplementari fuq ħafna livelli, li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir irid jiġi rispettat u li l-flessibbiltà baġitarja tal-Istati Membri individwali trid tiġi ppreservata, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u d-diversità tal-Ewropa. Dan ir-rapport fih dikjarazzjonijiet konkreti ħafna li huma ta' importanza ċentrali għal ekonomija Ewropea vijabbli, reżiljenti u sostenibbli.

Il-Kapitolu I jappella għal aktar enfasi u finanzjament għal tkabbir ekonomiku sostenibbli. Fid-dawl tal-kaxex vojta tal-gvernijiet fil-baġits pubbliċi tal-Ewropa, jeħtieġ li jinstabu modi ġodda u aħjar ta' finanzjament.

Il-programmi ekonomiċi u l-fondi imposti s'issa mhux se jkunu biżżejjed għal irkupru ekonomiku vijabbli, sostenibbli u deġġiem flimkien ma' swieq robusti li jkunu aktar reżistenti għal kriżijiet ulterjuri. L-għan tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli jrid ikun li jiżgura li nkunu nistgħu noħorġu mill-kriżijiet futuri bl-aħjar mod possibbli, jiżgura s-sigurtà tas-swieq u jespandi l-infrastrutturi, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura impatt li ma jagħmilx ħsara lill-klima.

Is-sistema "Manacle Bonds" tfasslet għal dan il-għan. Ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Kummissjoni tirrieżaminaha u tintroduċiha kif meħtieġ.

Fl-ispjegazzjoni tas-sistema, ta' min jinnota li r-rapporteur jopponi kemm baġit taż-żona tal-euro b'kontribuzzjonijiet oġhla għas-sħubija kif ukoll komunitarizzazzjoni ġenerali tad-dejn sovrani permezz ta' eurobonds. Ir-rapporteur jara l-approċċ ta' programm riformat tal-BĊE għax-xiri ta' bonds bħala miżura sensibbli.

Il-BĊE għandu jkun jista' jixtri bonds maħruġa mill-UE. L-UE toħroġ bond (ta' dejn) li, pereżempju, jinkludi miżuri ekonomiċi Ewropej jew jippermetti wkoll il-finanzjament ta' allowance Ewropea għall-ispejjeż marbuta mat-tfal. Il-finanzjament ta' miżuri nazzjonali ma għandux ikun possibbli. F'dan il-programm għandhom jiġu inklużi biss il-miżuri Ewropej komuni - *in solidum* - għall-profit komuni. Il-bonds (ta' dejn) ma għandhomx ikunu

negozjabbli. L-istituzzjonijiet u l-investituri privati ma jistgħux jixtru t-titolu. Huwa biss il-BĊE li jista' jkun detentur ta' dawn il-bonds. Dawn ma jinkludux wegħda ta' rata tal-imgħax, iżda pjuttost data għall-ħlas lura. L-Istati Membri kollha li jipparteċipaw fil-ħruġ tal-bond huma responsabbli għall-ħlas lura. L-Istati Membri huma responsabbli biss għas-sehem rispettiv tagħhom. In-nuqqas ta' ħlas lura jista' jikkostitwixxi raġuni għal rifjut fi ħruġ futur. Għal raġunijiet ta' solidarjetà, l-Istati Membri kollha għandhom jipparteċipaw f'bond (ta' dejn). *De facto*, l-Istati Membri jaqblu:

- Rigward objettiv li għandu jiġi segwit (il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal permezz ta' allowance Ewropew għall-ispejjeż marbuta mat-tfal); (il-ġlieda kontra l-qgħad permezz ta' allowance għax-xogħol b'ħinijiet iqsar/miżuri ekonomiċi) eċċ.
- L-ammont tal-bond (ta' dejn)
- Data għall-ħlas lura
- Prekondizzjonijiet possibbli (rifirmi) għall-istati emittenti (b'mod konġunt) ukoll

Il-BĊE jiddeċiedi abbażi tal-kriterji tiegħu stess (bħar-rekord tal-ħlasijiet fil-passat, ir-rieżami legali, eċċ.) jekk il-bond (ta' dejn) maħruġ jistax jinxtara. Il-BĊE jiddeċiedi b'mod indipendenti. Ma hemm l-ebda garanzija ta' tqegħid effettiv ta' bond (ta' dejn). Il-bonds (ta' dejn) jistgħu jinxtraw biss mill-BĊE, li jippermettulu jinjetta l-flus fl-ispazju ekonomiku komuni b'mod ikkontrollat u jinnewtralizzahom mal-ħlas lura. Peress li l-BĊE biss jaġixxi bħala kreditur, rinunzja suċċessiva tal-kreditu hija kompletament possibbli. Din il-forma ta' bond ta' dejn testendi l-kamp ta' applikazzjoni politiku, filwaqt li tippreserva l-indipendenza tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-Kapitolu II juri l-effetti bejn l-ambjent u s-saħħa, kif ukoll il-miżuri preventivi meħtieġa fl-oqsma tal-mediċina okkupazzjonali. Il-jiem mitlufa minħabba l-mard għandhom impatt ekonomiku negattiv fuq il-produzzjoni, fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni, kif ukoll fuq il-kummerċ u s-servizzi.

Il-Kapitolu III jenfasizza li l-konverġenza b'mod ġenerali bejn l-Istati tal-Ewropa mhux biss waqfet, iżda tinkludi wkoll differenzi kbar fil-benefiċċji tan-nies bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar. B'riżultat ta' dan, il-faqar soġġettiv qiegħed fl-ogħla livell li qatt intlaħaq, filwaqt li anki r-rati oġġettivi tal-faqar huma f'livell għoli ħafna.

Għalhekk huwa essenzjali u meħtieġ li ssir enfasi fuq il-kapaċità tal-akkwist fi programmi ekonomiċi orjentati lejn il-futur. Dan se jippermettilhom ikunu effettivi bis-sħiħ fis-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjiegi fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2022.

Sabiex jiġi stabbilizzat it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, żieda fil-kapaċità tal-akkwist normalment tiġi segwita minn żidiet korrispondenti fil-produttività. Waħda mill-konsegwenzi ta' dan hija xogħol b'ħinijiet iqsar u qgħad b'iffrankar konsiderevoli tal-ispejjeż. Permezz ta' aktar konsum, imbagħad tista' tkun mistennija wkoll żieda fid-dħul mit-taxxa fl-Istati Membri. Meta wieħed iqis kollox, żieda fil-kapaċità tal-akkwist mhux biss tfixkel ir-riskju dejjem jiżdied tal-faqar iżda wkoll tillimitah b'mod attiv. Għalhekk, f'termini konkreti, il-Kapitolu III, jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' allowance għall-ispejjeż marbuta mat-tfal skont il-mudell "25/25", spjegat hawn taħt.

Il-ħajja b'mod ġenerali saret aktar mgħaġġla, aktar kaotika u aktar kumplessa. Il-familji bit-tfal qed isiru dejjem aktar fqar. Ħafna ġenituri ma jistgħux ilaħħqu mal-ħajja u l-piż tagħhom huwa

akbar milli jifilħu. Il-kunflitti qed jiżdienu. Wieħed mir-riżultati huwa, pereżempju, iż-żieda tal-vjolenza fil-familji. Madwar l-Ewropa, qed naraw żieda drastika f'każijiet ta' negliġenza, abbuż u negliġenza tat-tfal. Hija meħtieġa azzjoni deċiżiva biex dan jiġi miġġieled. L-Ewropa jeħtiġilha tiġġieled il-faqar fost it-tfal b'mod attiv, dirett u lokali fl-unità tal-familja.

Il-familji huma l-pedament tas-soċjetà Ewropea tagħna, billi jsawru l-mod kif ngħixu lkoll flimkien u jiżguraw l-eżistenza kontinwa tal-Ewropa. Familji b'saħħithom biss jistgħu jsawru soċjetà b'saħħitha li kapaċi tkampa meta tiffaċċja kompetizzjoni globali. Sabiex tiġi implimentata l-Garanzija għat-Tfal, ir-rapporteur iqis li l-introduzzjoni ta' allowance Ewropew tat-tfal skont il-mudell "25/25" hija kemm meħtieġa kif ukoll li missha ilha li saret.

Dan l-appoġġ Ewropew addizzjonali għat-tfal ma jistax jiġi kkompensat minn kwalunkwe benefiċċju ieħor. Ir-Rapport finali, "Feasibility Study for a Child Guarantee" (Studju tal-Fattibbiltà għal Garanzija għat-Tfal), ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2020, jispjega fid-dettall il-bażi u r-responsabbiltajiet legali eżistenti. Dan il-Benefiċċju Ewropew tat-Tfal skont il-mudell "25/25" jistabbilixxi proġett ta' żvilupp ekonomiku sostenibbli. Il-familji min-naħa tagħhom se jżidu l-flus addizzjonali maċ-ċiklu tal-flus, sabiex dan ikun ta' benefiċċju wkoll għall-Ewropej kollha direttament u indirettament.

Is-somma ta' EUR 50 hija essenzjali għal kull tifel u tifla li jitwiellu fl-Ewropa li l-introjt tal-ġenituri tagħhom huwa taħt l-introjt medjan tal-Istat Membru rispettiv. Maqsuma f'EUR 25 għal kull tifel u tifla - bħala pagament dirett mill-fondi tal-familja eżistenti fl-Istati Membri - bl-EUR 25 l-oħra għal kull tifel u tifla għall-ħolqien tal-counsellors tal-familja Ewropej li għadhom kif ġew stabbiliti u li se jaħdmu b'mod attiv mal-familji fuq livell lokali.

Il-"European Family Companion" (il-Kumpann tal-Familja Ewropea) jirrappreżenta:

- Il-preżenza tal-Ewropa fl-unità tal-familja, li tistabbilixxi identifikazzjoni aħjar mal-Ewropa.
- Ir-rabta bejn il-familji, l-istrutturi tal-provvista u l-komunitajiet taħt il-patroċinju Ewropew.
- Appoġġ preventiv għall-familji mit-tqala sakemm it-tfal isiru adulti, imfassal fuq bażi individwali għall-familji bħala komunità.
- Identifikazzjoni bikrija tal-problemi (talbiet eċċessivi, negliġenza, abbuż, vjolenza b'abbandun fil-familja, disturbi ta' żvilupp fit-tfal, eċċ.)
- Soluzzjonijiet li jinvolvu l-istrutturi ta' provvista preeżistenti u permezz ta' networking individwali ta' dawn l-istrutturi għall-familji.

B'Unjoni Ewropea li ssir aktar favur il-familja, mill-ġdid fl-Ewropa se jitwiellu aktar tfal, fejn it-tiħiħ tal-familji jfisser it-tiħiħ tas-soċjetà kollha kemm hi.

Il-Kapitolu IV jindirizza b'mod speċifiku t-tkabbir ekonomiku sostenibbli permezz tal-Ewropizzazzjoni mill-ġdid ta' faċilitajiet ta' produzzjoni importanti, bħal, pereżempju, it-teknoloġija tas-semikondutturi, il-prodotti mediċi, mediċini u prodotti tal-iġjene bi ktajjen tal-provvista mqassra biex is-setturi tal-impjiegi jiżviluppaw u jespandu. Fil-Kapitolu IV, ir-rapporteur jindirizza wkoll l-impatt tan-nuqqas ta' ħiliet u l-importanza dejjem tikber tal-edukazzjoni, tal-innovazzjoni u tar-riċerka. Dawn huma l-pilastru ta' impjieg soċjalment aċċettabbli fl-Ewropa.

Il-Kapitolu V huwa ddedikat għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli permezz ta' prinċipji mtejbja tal-produzzjoni, tas-servizz u tal-kummerċ.

Mill-perspettiva ta' politika Ewropea tal-impjiegi soċjali, dan ifisser b'mod partikolari li l-prattiki favur il-familji, is-sostenibbiltà, ir-rispett lejn il-klima, it-trasparenza fil-pagi u l-valuri soċjali ewlenin tal-impjiegi jkunu stipulati f'reġistru soċjali għaċ-ċertifikazzjoni. Dawn imbagħad għandhom jiġu kodifikati għal sejħiet għal offerti pubbliċi u madwar l-Ewropa kollha u jservu biex irawmu impjiegi u tkabbir ekonomiku sostenibbli u soċjalment aċċettabbli.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

Data tal-adozzjoni	28.2.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 -: 11 0: 29
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, David Casa, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Rosa Estaràs Ferragut, Nicolaus Fest, Loucas Furlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, France Jamet, Agnes Jongerius, Radan Kanev, Ádám Kósa, Stelios Kypouropoulos, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Giuseppe Milazzo, Sandra Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pişlaru, Manuel Pizarro, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Monica Semedo, Michal Šimečka, Beata Szydło, Eugen Tomac, Romana Tomc, Marie-Pierre Vedrenne, Marianne Vind, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tatjana Ždanoka, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Alin Mituța, Evelyn Regner, Eugenia Rodríguez Palop, Véronique Trillet-Lenoir, Anna Zalewska

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

15	+
PPE	David Casa, Jarosław Duda, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Stelios Kypouropoulos, Maria Walsh
Renew	Sylvie Brunet, Jordi Cañas, Alin Mituța, Dragoș Pîslaru, Monica Semedo, Michal Šimečka, Véronique Trillet-Lenoir, Marie-Pierre Vedrenne

11	-
ECR	Margarita de la Pisa Carrión
ID	Dominique Bilde, Nicolaus Fest, France Jamet, Elena Lizzi, Guido Reil, Stefania Zambelli
NI	Ádám Kósa, Daniela Rondinelli
PPE	Radan Kanev
The Left	Sandra Pereira

29	0
ECR	Giuseppe Milazzo, Elżbieta Rafalska, Beata Szydło, Anna Zalewska
PPE	Rosa Estaràs Ferragut, Miriam Lexmann, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Romana Tomc, Tomáš Zdechovský
S&D	Marc Angel, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Manuel Pizarro, Evelyn Regner, Marianne Vind
The Left	Konstantinos Arvanitis, Leila Chaibi, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri, Tatjana Ždanoka

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni